1 ta' Lulju, 1952
Imħallfin :
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
*A/President;*
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.;
L-Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Il-Maestà Tagħha r-Reġina *versus* Geraldu Cassar

**Reat Uniku — Inseparabilità Aċċidentali — Inseparabilità Naturali jew Ġudirika.**

*Il-kontemporaneità jew konkomitanza purament materjali tal-post u ż-żmien ma tunifikax żewġ fattijiet f'delitt uniku. L-uniċità jew le tar-reat ma tiddependix mill-kontest ta' l-azzjoni, iżda mill-eżami akkurat ta' l-att volitiv li jkun iddetermina r-reat jew reati. Fil-każ ta' żewġ vjolazzjonijiet, jew diversi vjolazzjonijiet, dawn jikkostitwixxu reat uniku meta jkunu inseparabili; basta li l-inseparabilità ma tkunx merament aċċidentali, imma tkun naturali jew ġuridika.*

Il-Qorti — Rat l-att ta' l-akkuża nru. 8889, li minnu jidher li l-imsemmi Cassar, flimkien ma' l-imputat l-ieħor, fl-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża ġie msejjaħ biex jirrispondi tad-delitt ta' attakk u reżistenza bi vjolenza, u b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza publika, kontra persuni nkarikati minn servizz publiku fil-waqt li kienu jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi u ta' ordnijiet mogħtija skond il-liġi mill-awtorità kompetenti, b'dan li fil-waqt ta' l-attakk u tar-reżistenza li sar fil-15 ta' Marzu 1952, f'Bormla, ftit wara nofs il-lejl, uża arma regolari; u fit-tieni kap ta' l-akkuża ġie wkoll akkużat li fl-istess jum, xahar, sena u post imsemmijin fuq, ikkaġuna b'arma regolari (proprja) u bi strument li jaqta' u li jniggeż, offiża volon-

tarja fuq il-persuna ta' natura gravi minħabba li ġiebet sfreġju f'wiċċ l-offiż;

Rat in-nota ta' l-akkużat Geraldu Cassar tas-26 ta' Ġunju 1952, li biha eċċepixxa n-nullità ta' l-att ta' l-akkuża, billi fl-istess att huwa insab akkużat taħt żewġ kapi separati fuq l-istess fatt, u ċjoè fl-ewwel kap ta' attakk u reżistenza b'użu ta' arma proprja, u fit-tieni kap ta' l-offiża gravi magħmula bl-użu ta' l-istess arma proprja fl-istess kontest ta' azzjoni;

*Omissis;*

Rat id-digriet ta' dina l-Qorti presjeduta mill-Imħallef li soltu joqgħod fiha, tas-26 ta' Ġunju 1952, u li bih il-kawża ġiet rinvijata lil dina l-Qorti komposta minn tliet Imħallfin tal-Maestà Tagħha r-Reġina..............;

Rat il-verbal tal-lum li bih l-akkużat emenda l-eċċezzjoni tiegħu fis-sens li n-nullità minnu eċċepita tirrigwarda biss l-ewwel kap ta' l-akkuża;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi, milli jidher, l-eċċezzjoni preliminari mogħtija hija poġġuta fuq il-konsiderazzjoni li l-akkużat Cassar, fuq l-istess fatt ta' l-użu ta' l-arma proprja, ġie akkużat miż-żewġ delitti dedotti fl-att ta' l-akkuża;

Illi l-kontemporaneità jew konkomitanza purament materjali tal-post u żmien ma tunifikax żewġ fattijiet f'delitt uniku, għar-raġuni wisq elementari li d-delitt huwa enti ġuridiku, u bħala tali ma jistax isehh bla ma jkun jirrijunixxi l-element materjali u l-element ideoloġiku bħala konnessjoni tal-mezz għall-fini, sabiex jingħad li kien hemm uniċità;

Illi minn dana jitnissel li mhux mill-kontest ta' l-azzjoni tiddependi l-uniċità jew le, iżda mill-eżami akkurat ta' l-att volitiv li jkun iddetermina r-reat jew reati;

Illi jingħad ukoll li l-arma proprja, tant jekk tiġi użata, kemm jekk tiġi mpunjata bla użu effettiv, kemm jekk tkun biss fil-pussess tad-delinkwent fil-każ tad-delitt ta' attakk u reżistenza, u l-użu tagħha fil-każ ta' offiża gravi volontarja, ma tiddeterminax ir-reat, iżda hija biss sempliċi aggravanti, b'mod li l-kwalifikazzjoni tar-reat tibqa' dejjem bażata fuq l-elementi meħtieġa għall-kompletazzjoni tiegħu;

Illi għad-delitti dedotti jidher ċar li jrid ikun hemm żewġ

attijiet volitivi u indipendenti: u tabilhaqq, l-azzjoni ta' l-akkużat kienet dupliċi materjalment u intenzjonalment;

Illi hija ġurisprudenza, il-lum paċifika, aċċettata mill-Qrati Tagħna, li fil-każ ta' żewġ vjolazzjonijiet, jew diversi vjolazzjonijiet, dawn jikkostitwixxu reat uniku meta jkunu inseparabili, basta dina l-inseparabilità ma tkunx merament aċċidentali, imma naturali jew ġuridika (Kollez. Vol. 29, P. IV, p. 402, 3 ta' Settembru 1939, in "Rex vs. Micallef et.");

**Ikkunsidrat;**

Illi fil-każ in kwistjoni jingħad li bejn l-ewwel u t-tieni delitt fuq imsemmija ma kien hemm ebda inseparabilità naturali jew ġuridika, iżda biss purament aċċidentali, dovuta unikament għall-malizzja, li hi att volitiv ta' l-akkużat. Tabilħaqq, Cassar ma kellux għalfejn jikkaġuna offiża gravi fuq il-persuna ta' wieħed mill-kuntistabblijiet, kif inhu allegat, sabiex jottjeni l-obbjettività tar-reat ta' attakk u reżistenza;

Illi għalhekk l-eċċezzjoni mogħtija hija insostenibili;

Għaldaqshekk il-Qorti tiċħad dik l-eċċezzjoni ta' l-akkużat Cassar.